5 ta' Mejju 2017
35/2017

## L-EWWEL KONFERENZA MILL-MALTA CATHOLIC YOUTH NETWORK

Mil-lum, il-Ġimgħa 5 ta' Mejju, sal-Ħadd 7 ta' Mejju 2017, il-Malta Catholic Youth Network (MCYN) qed torganizza konferenza għall-*youth leaders* bl-isem ta' 'Plexus', fil-kunvent tal-iskola ta' Sant'Agata, ir-Rabat.

Il-Malta Catholic Youth Network (MCYN) hi kummissjoni ġdida fi ħdan il-Knisja f'Malta li tagħti leħen liż-żgħażagħ, u li tieħu ħsieb tikkordina u tħeġġeġ il-ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ. L-MCYN hija mmexxija mid-delegat tal-Arċisqof għaż-żgħażagħ, Benjamin Flores Martin.

L-isem tal-konferenza, 'Plexus', hu terminu li jfisser *network* ta' nervituri fil-ġisem tal-bniedem. Propju għalhekk, l-għan ta' din il-konferenza hu li l-gruppi ta' żgħażagħ Kattoliċi jagħrfu s-sbuħija tal-għaqda fid-diversità, u li fiċ-ċentru tal-vokazzjoni tagħhom hemm Ġesù.

Waqt il-konferenza ta' tliet ijiem għadd ta' kelliema ser jitkellmu dwar ir-realtajiet taż-żgħażagħ u l-ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Il-kelliem ewlieni hu Fr Dermott Donelly, saċerdot Ingliż li jaħdem maż-żgħażagħ, li ser jitkellem dwar il-vokazzjoni tal-*youth leaders*. Minbarra l-opportunità li jipparteċipaw f'numru ta' *workshops* dwar temi speċifiċi li jolqtu liż-żgħażagħ, il-parteċipanti ser jaqsmu l-esperjenzi u l-ideat tagħhom waqt ħin ta' diskussjoni.

Il-Ħadd 7 ta' Mejju, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jagħlaq il-konferenza bi djalogu maż-żgħażagħ u b'ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-websajt www.mcyn.org jew mill-paġna ta' Facebook facebook.com/maltacatholicyouthnetwork.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**